# QRATI KRIMINALI INFERJURI

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA LL.D.

**PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**

**VS**

**RAYMUND MALLIA**
**(ID Nru. 306655M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 393/2008

Illum, 24 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymund Mallia, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 306655M.

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-Gzejjer, fl-ewwel (1) ta` Mejju, 2008, ghal habta tas-sitta ta` filghaxija (18:00hrs), gewwa Morland Court, Triq id-Dielja, Attard, u/jew fil-vicinanzi:

1. Dolozament bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` li joqtol lil Wesam Ghazzeddin minn Attard, jew li jqiedghlu hajtu f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit, minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2. Permezz ta` strument li jaqta`, bil-ponta u jnigges, ikkaguna feriti ta` natura gravi, fil-gisem ta` Wesam Ghazzeddin minn Attard;

3. Zamm, garr jew kellu fil-pussess teighu strument li jaqta`, jniggez u bil-ponta, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna ta` Wesam Ghazzeddin kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari;

5. Volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 214, 216 (1) (a) (i) (ii) (c), 217, 338 (dd), 339 (1) (d) (e), 382 (a), 383, 384, 386, 412 (c), 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikoli 55 (a), 56, 57, 60, 61, 6 u 51 (7) tal-Artikolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi dana l-incident jirrisali ghal habta tas-sitta u nofs ta` filghaxija (18:30hrs) tal-ewwel (1) ta` Mejju, 2008, fl-inhawi ta` H`Attard, precizament fil-parti komuni u cioe` t-tarag komun tal-Block ta` appartamenti bl-isem ta` Morland Court fi Triq id-Dielja. Dak in-nhar, il-vittma, Wesam Ghazzeddin, u li jigi r-ragel tat-tifla tal-imputat, kien sofra diversi daqqiet ta` sikkina anke f'dawk illi, mill-investigazzjoni successiva, irrizulta li gew ikkagunati mill-imputat. Bhala konsegwenza diretta ta` dan, il-vittma kellu jigi rikoverat fl-isptar b'hajtu fil-periklu tal-mewt kif ikkonfermat fix-xhieda tat-tobba u tal-kirurgi kif ukoll mic-certifikati medici ezebiti.

Illi qabel ma wiehed jidhol fil-provi li gewipprezentati, huwa tajjeb illi wiehed jaghti *background* lejn ir-relazzjoni bejn l-imputat u l-vittma kif ukoll lejn ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u ezami tal-imputat jahdem zminijiet twal barra minn Malta bhala *tool pusher* fuq rig taz-zejt. Huwa mizzewweg u, illum, li ghandu tmienja u hamsin (58) sena, ghandu zewgt ibniet u tifel. Il-bniet, Fiona u Victoria, huma t-tnejn mizzewgin. Victoria hija mart il-vittma Wesam Ghazzedin. Din il-koppja ta` zaghzagh jidhru li kienu principalment finanzjarjament dipendenti fuq l-imputat illi, ghal zmien twil, ipprovdielhom l-abitazzjoni konjugali u, sahansitra l-ghamara ta` go fiha. Ukoll diversi drabi, hallas dejn ikkontrattjat mill-vittma. Izda nonostante dan u skont l-imputat, Wesam kien ta` sikwit jahqar lill-martu u l-itfal tieghu tant illi r-relazzjonijiet ta` bejniethom u cioe`, l-imputat u l-vittma, iddegradaw minhabba l-inkwiet iggenerat minn dina s-sitwazzjoni bejn bintu u zewgha, sitwazzjoni iktar u iktar aggravata mill-assenzi sikwiti tal-imputat minn dawn il-gzejjer u mill-familja tieghu. L-imputat jghid illi huwa kien jibza` minn Wesam ghaliex, skont hu, dan Wesam wera tempra qasira u tendenza ghall-vjolenza f'sitwazzjonijiet precedenti ghal dan l-incident meta huwa kien fil-kumpanija tieghu. Vide l-incidenti mal-Pulizija u dak fejn l-imputat u l-vittma kienu kwazi nvoluti f'incident awtomobilistiku meta ma kienx qieghed isuq il-vittma imma l-imputat. Hemm ukoll l-allegazzjonijiet ta` vjolenza tal-midrub fuq martu, bint l-imputat.

Illi ma jezisti l-ebda dubju li dak in-nhar tal-incident, l-imputat mar id-dar tal-imputat sabiex jiehu sodisfazzjon wara tilwima ohra bejn bintu u zewgha waqt tieg li l-familja kienet qiedgha tattendi kollha flimkien. Illi, mill-verzjoni moghtija mill-imputat, jirrizulta li l-vittma Wesam rega` kellu gliedu ma martu, Victoria waqt it-tieg u abbanduna lill-martu t-tieg u telaq lejn id-dar. L-imputat induna b'dan u wara li spicca t-tieg u wara li wassal lil xi nies ohra f'darhom, ra lil Victoria wahedha d-dar tieghu. Inkwetat li l-ghada huwa kien ser jerga` jsiefer fuq xoghol u anzjuz li ma jhallix din il-kwistjoni insolvuta, huwa cempel lill-vittma u qallu biex il-vittma jibqa` jistennieh fid-dar tieghu gewwa l-flat H'Attard "ghax konna ser nillitigaw, jien u hu" (vide *statement* mehud l-ghada filghodu li gara l-incident). L-imputat dahal id-dar wahdu, nehha l-glekk ta` fuqu, libes sidrija *padded*, ha sikkina minn gewwa l-kexxun tal-kcina, hbieha fil-qalziet fuq wara ma daru u telaq bil-mixi lejn id-dar tal-vittma.

Waqt illi huwa kien miexi lejn id-dar tal-vittma, huwa gie segwit bil-karozza mit-tifla tieghu l-ohra Fiona u zewgha lib dew jghidulu biex jieqaf u ma jaghmilx kummiedji u hu wiegeb illi Victoria daqshekk kienet se taqla` daqqiet minghandu, jigifieri mil-vittma. Id-dinamika tal-incident, skontu, kompla billi mbotta l-bieb tal-entratura tal-*flats* fejn joqghodu bintu u zewgha ghax dan jinfetah wahdu u ltaqa` mal-vittma li, f'dak il-hin u moment nizel mill-bejt fejn kien qieghed u nizel mit-tarag biex jigi hdejn l-imputat. Il-vittma mbotta lill-imputat mal-hajt u habbatlu rasu wkoll u tah daqqa ta` ponn go wiccu. Kien hawn illi l-imputat hareg is-sikkina u tah daqqa wahda bejn zaqqu u genbu. Fil-pront, dahal ir-ragel ta` Fiona, Adrian li immedjatament saq lil Wassam lejn l-isptar waqt illi l-imputat neza il-qmis u l-flokk ta` that u flimkien mas-sikkina u waddabhom gewwa ghalqa vicin. Interessanti dak li jghid l-imputat fis-su-menzjonata stqarrija:

"Fl-ahhar iddecidejt li ma jistax ikun illi tibqa taqla` fuq wiccha u nara t-tifla tigi tibki d-dar u wasalt biex ghamilt li ghamilt ghax intlift minn mohhi".

U, iktar l-isfel jghid:

"Dazgur illi jiddispjacini ghax naf li zbaljajt imma, dak il-hin, ma kontx naf x'qed naghmel u lanqas ma bdejt nara".

Illi <u>Wesam Ghazzedin jikkonferma</u> fix-xhieda tieghu li r-relazzjonijiet tieghu mal-imputat dejjem kienu tajbin hlief illi fil-bidu tar-relazzjoni mat-tifla tieghu. Huwa telaq hesrem mit-tieg li huwa kien qieghed jattendi ma` martu ghax kellu xi jghid mal-imputat. Meta telaq, skont hu, ircieva zewg telefonati minghand l-imputat u, fit-tieni wahda, jghid illi l-imputat offendieh u stiednu ghall-glied u, sahansitra, gheddu li se joqtlu. Wara dina t-telefonata, huwa rcieva ohra minghand Jennifer Mallia, mart l-imputat, illi wissietu biex ma jiftahx il-bieb tad-dar ghax "gej Raymund ghalik u rrabjat".

Huwa ra lill-imputat gej bil-mixi ghax il-vittma kien fuq il-bejt jistenna lill-imputat gej u rah jghati daqqa ta` sieq il-bieb t'isfel u dahal. Mhux l-imputat kissru l-bieb izda huh il-midrub meta prova jidhol biex jghinu. Iltaqa` mal-imputat fit-tarag komun u qallu, "X'garalek inti? Jien x'ghamiltlek?"

Fix-xhieda tieghu, il-vittma jammetti li huwaq niezel it-tarag ghall-imputat, "ghax ha nghidlek imbghad jikbirlu rasu dak li jkun il-bniedem, ma jkunx jaf x'qed jaghmel. Inzilt, anke ftaht il-bieb tad-dar u sibt lil Raymund quddiemi tiela` t-tarag, sparat inziltu t-tarag". Skont hu, l-imputat ma qallu xejn izda fejjirlu daqqa ta` sikkina u dahhallu x-xafra fl-istonku u7 aqtejn ohra f'daru. In kontro-ezami x-xhud biddel il-verzjoni tieghu u jammetti li huwa refa` jdejh fuq l-imputat ghax kien irrabjat mieghu hafna u mitluf. Ma jiftakarx ezattament x'gara pero jahseb illi tah xi daqqa u qalbu. Dak in-nhar il-vittma kien xorob hafna tant illi fit-tieg, l-akkuzat u martu wissewh biex ma jixrobx iktar. Dan l-inkontru infexx fi glieda sakemm it-tnejn ma feraqhomx Adrian, ir-ragel tat-tifla l-ohra Fiona. Importanti dak li jghid il-vittma f'dan l-istadju, "Ghax jien kont diga qieghed fuqu. Jiena, kieku ridt, hadtlu s-sikkina minn idejgh u, kieku ridt, tajthielu jien. Imma jien ma ridtx inwegghu".

In kontro-ezami l-vittma jammetti li jista` jkun illi d-daqqa bis-sikkina huwa qalghahha meta huwa kien bil-wieqfa fuq u hdejn l-imputat. Illi d-daqqa kienet minn taht ghal fuq.

Illi, skont il-vittma, kien huh illi hadu bil-karozza tieghu l-isptar, fejn f'nofs triq, huma ltaqghu ma` ambulanza u kompliet hi tiehdu l-isptar. Il-familja tal-vittma jghixu fil-vicinanzi u hargu minn djarhom meta semghu l-kommozzjoni. Meta huh staqsieh x'kien gara ghax ra kwantita` ta` demm fuq il-persuna tal-vittma u fl-art fuq il-lok tal-incident, il-vittma prova jiddefendi lill-imputat billi qallu li huwa kien waqa` fuq il-hgieg li, dak il-hin, kien mal-art, konsegwenza tad-daqqa li kien tah l-imputat biex fethu. Anke mart l-imputat tfaccat fuq il-post u bdiet taghtieh fuq wiccu u tghidlu, "Ghalfejn ghamiltlu hekk?"

In kontro ezami wkoll, il-vittma qieghed jahfer lill-imputat ta` dak li gara. Huwa ghadu jghix mat-tifla tal-imputat u llum ghandhom tlett (3) itfal. Jaf lill-imputat bhala ragel tal-familja. Illi hadd ma kien prezenti matul l-incident per se hlief ghaz-zewg partijiet. Ix-xhieda prodotta tista` biss tikkontribwixxi ghal dak li gara immedjatament qabel jew wara l-i*stabbing*. Illi, hawnhekk, il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta` Wesam a fol 303, "U kelli anke sikkina f'idejja jiena wkoll!".

1. <u>Minyar Ghazzeddin</u> li jigi hu l-imputat u li, bix-xhieda tieghu, jikkonferma dik ta` huh Wasin, inkluz il-wasla ta` mart l-imputat,

Jennifer, fuq ix-xena tad-delitt u l-fatt illi hija bdiet tghati bil-harta lill-zewgha. Interessanti wkoll huwa l-fatt illi meta huwa wasal fuq il-post, huwqa lemah lil Fiona tidhol fil-blokk ta` appartamenti fejn sehh l-incident u ftit wara harget u tefghet xi haga li kellha f'idejha gewwa l-karozza. Hawn ta` min jiftakar fejn huwa kien rema` l-qmis tieghu mcappsa bid-demm, il-flokk ta` taht u s-sikkina wzata minnu fl-incident, dawn qatt ma nstabu. Jerga`, skont hu, Fiona regghet dahlet, ghalqet il-bieb ta` barra u inbarratu billi qadet b'darha mal-bieb ta` barra b'mod illi ma seta` jidhol had. Meta rnexxielu jidhol dan ix-xhud sabiex jghin lill-huh, huwa sab lil Fiona fuq in-naha ta` gewwa hdejn il-bieb ta` barra u lir-ragel taghha, Adrian, izomm lill-vittma minn dirghajh mal-art sabiex Raymund ikun jista`, facilment, jibqa` jtieh.

2. <u>PC122 Arthur Borg</u>, espert fotografu li pprezenta zewg settijiet ta` ritratti interessanti:
a) Ritratt li juru zewg (2) stab wounds zghar f'dar il-vittma;
b) Ritratti li juru l-isgass tal-bieb ta` barra inkluz il-hgieg tal-bieb imxerred mal-art.

3. <u>Dr. Alexandra Harvey</u>, li, bil-gurament, tikkonferma li l-vittma kien sofra ferita ta` natura gravi minhabba ferita kkagunata b'istrument ippuntat. Kien hemm sensiela ta` feriti. Dan gie wkoll ikkonfermat minn Dr. Mario Scerri, Mr. Ernest Ellul, Mr. George Felice u Dr. Malcolm Caruana.

4. <u>PC786 Stephen Casha, PC386 Joseph Tomma u PC493 Ryan Farrugia</u> li spjegaw id-dinamika tal-investigazzjoni.

5. <u>Tania Azzopardi</u> li waslet lil Jennifer Mallia, il-mara tal-imputat sal-post tal-incident dak in-nhar tal-incident u wara sal-isptar. Ix-xhieda taghha hija wahda negligibbli stante li din ix-xhud mhix tikkontribwixxi xejn gdid ghal kif svolga l-incident.

6. <u>L-iSpetturi Sandra Zammit u Ramon Cassar</u> li xehedu dwar l-investigazzjoni minnhom kondotta kif ukoll dwar is-*search* li kien sar minnhom f'ghalqa fil-qrib ta` fejn kien sehh l-incident u fejn l-

imputat kien indikalhom fejn kien rema l-qmis, flokk ta` taht u sikkina immedjatment wara l-incident. Dan is-*search* ma provda l-ebda rizultat u l-qmis, flokk u sikkina baqghu ma nstabux.

7. Aldo Attard Sewwieq ta` ambulanza li ma jista` jikkontribwixxi xejn ghad-dinamika tal-incident hlief ghall-urgenza li biha kien hemm, fil-mument, illi l-midrub jigi rikoverat l-isptar.

Raymund Mallia, l-imputat, ukoll xehed f'dawn il-proceduri fejn ta` l-verzjoni tieghu tal-akkadut. Huwa jikkonferma l-ezistenza ta` problemi sostanzjali bejn il-vittma u martu li hija t-tifla tieghu li kienu waslu ghall-punt illi kien hemm bzonn soluzzjoni u soluzzjoni immedjata ghaliex l-ghada huwa kellu jerga` jsiefer fuq ix-xoghol. Huwa jirrakkonta incidenti precedenti fejn kellu l-okkazzjoni li jara r-reazzjoni tal-vittma f'sitwazzjonijiet ta` stress u jikkummenta li f'dawn l-okkazjonijiet ir-reazzjoni tieghu dejjem kienet wahda ta` vjolenza. *Coupled* mal-problemi li l-vittma kellu ma` bintu u li l-vittma ma kellux xoghol u l-fatt illi kien ser jerga` jsiefer l-ghada fuq xoghol u, desideruz illi jsolvi din il-problema qabel ma jsiefer ha jkollu rasu mistrieha huwa ddecieda li jaqbad il-barri mill-qrun u jmur ikellem lill-vittma izda mhux qabel illi jipprepara ruhu ghal dak li seta` jigri *sapendo* l-karattru vjolenti tal-vittma. Ghalhekk ha mieghu gakketta *padded* u sikkina mill-kcina. Kif wasal hemm huwa jikkonferma li sab lill-vittma diga fil-bieb komuni tal-appartament fejn huwa kien joqghod u dan beda jerfa` jdejh, "Hatafni, sabbatni mal-hajt, rasi iktar minn darba wahda, tani daqqa ta` ponn go wicci, dak il-hin infragt jien. Jew zlaqt, zbilancjani jew bid-daqqa li tani l-ohra niftakar sewwa zbilancjajt ruhi mal-art, kont taht. Jien ma kellix *choice* hux, ippruvajt ghax, fil-fatt, lanqas waqaf. Hrigt is-sikkina u tajtu daqqa wahda f'genbu".

Adrian Brincat mizzewweg ma` Fiona, it-tifla l-ohra tal-imputat li wasal fuq il-post tal-incident minnufih li gara. Wara li jirrakkonta li huwa kien mal-imputat ftit qabel ma gara l-incident u jikkonferma l-intenzjoni tal-istess imputat sabiex imur ikellem lill-vittma qabel ma jsiefer fuq xoghol sabiex ma jhallix il-problemi *in suspense* jixhed: "Sibthom imqabdin ma` xulxin. Dhalt nigri fuqhom biex nifridhom. Ghidtilhom, "X'qiedghin tghmlu mgienen?" Wiehed imbuttajtu biex nipprova nifridhom u mbuttajt lill-iehor

jew ukoll biex nikkalmhom”. Raymund kien qieghed mal-art u George mal-hajt bis-sikkina f’idu.

Fiona Brincat li tikkonferma l-verzjoni ta` zewgha u li s-sikkina kienet f’idejn il-vittma meta hija dahlet fl-appartament. Hija qatghet subghajha meta pruvat tiehu s-sikkina minn idejn il-vittma. L-incident, per se, hija ma ratux.

Jennifer Mallia L-incident hija ma ratux izda tirrakkonta, fid-dettal, il-problemi li hija u zewgha kellhom fir-relazzjonijiet taghhom mal-vittma. Il-problemi kif hu jitratta t-tifla u t-tfal taghhom, l-ghajnuna finanzjarja u morali li huma taw lil Wesam jew George, kif isejjhulu huma, il-karattru vjolenti tieghu anke max-xhud stess illi fizikament kien ser iwaddaba t-tarag u l-karattru agressiv u argumentattiv tieghu.

Illi ma hemm ebda dubju li dak in-nhar tal-incident l-imputat kien hu li ta` daqqa ta` sikkina lil Wesam Ghazzeddin u kkagunalu ferita ta` natura gravi. Hekk gara kif xehed l-imputat stess. Ix-xhieda ta` dan, dina l-Qorti tista` tghid illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha ggib provi, piu` che sufficient, dwar l-akkadut u ghamlet sew illi harget dawn l-imputazzjonijiet kontra l-imputat. L-ebda dubju ragonevoli ma jista` jissussisti.

Illi d-difiza qiedgha teziga d-difiza ta` ‘provokazzjoni’ u ta` *self-defence* u qiedgha tibbaza dina d-difiza taghha fuq il-biza` li mhux biss kellu l-imputat imma wkoll membri ohra tal-familja tieghu, tal-karattru ta` Wesam Ghazzeddin li kien, skont huma, wiehed vjolenti u aggressiv.

“Ghazzeddin kien dejjem bla sold u dejjem ghex bil-ghajnuna sostanzjali tal-esponent. Ghazzeddin kien bniedem aggressiv. Infatti mart l-esponent xehdet li darba minnhom anke kien ipprova jitfaghha mit-tarag ghall-isfel u kissrilha l-*mobile* sabiex ma taghmilx rapport mal-Pulizija. Jennifer Mallia xehdet li kien jerfa` idejh fuq martu u fuq it-tfal taghha regolarment. L-esponent spjega li f’okkazzjoni minnhom anke kien hallas l-avukat tieghu biex jiddefendih wara li dan kien sawwat xi Pulizija gewwa l-Belt Valletta. L-esponent anke spjega okkazzjonijiet ohra fejn ra l-aggressivita` ta` Ghazzeddin f’cirkostanzi fejn ma kienx hemm ebda bzonn ta` aggressivita`.”

Adrian Brincat jixhed illi “ma jistax ikun hemm dubju li l-problemi serji fil-familja li kienu jinqalghu proprju minhabba l-imgieba ta` Ghazzeddin

kienu ta` piz kbir fuqu u l-fatt li kien ikun ghal zmien twil barra minn Malta ma tantx kien ta` konfort ghalih."

L-imputat "kien konsapevoli mill-fatt li mal-ewwel intopp l-istess bintu kienet taqla` s-swat minn ghandu. Nonostante l-esponent ghamel minn kollox sabiex Ghazzeddin jintegra ruhu fil-familja u jipprova jghix ta` nies. Illi…jirrizulta car…illi f'dik il-gurnata l-esponent kien, flimkien mal-membri kollha tal-familja tieghu, mistieden tieg. Qabel it-tieg…il-familja ltaqghet waqt ir-*reception* tat-tieg. Peress li Ghazzeddin beda jixrob, it-tifla tal-esponent Victoria tablet lill-missierha biex jigbidlu l-attenzjoni ghall-fatt li hi kienet tqila u dan kellu jsuq. Irrizulta li l-esponent hekk ghamel, izda sabiex ma jzidx mat-tensjoni li gja` kien hemm, dan ghamlu b'mod cajtier. Ghazzeddin iffastidju ruhu u qabad u telaq `l hemm u halla lill-martu, li dak iz-zmien kienet tqila, minghajr cwievet la tad-dar u lanqas tal-karozza. Kif l-esponent intebah b'dak li kien gara, cempel lil Ghazzeddin u staqsieh ghaliex kien telaq u dan qallu li f'kaz ta` bzonn setgha jigi lura ghaliha. Illi l-esponnet kien imhasseb ferm fuq dan l-akkadut principalment ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok l-esponent kien konsapevoli mil-fatt li wara kull battibekk li kien jinqala` bejn bintu u r-ragel taghha, bintu kienet tigi msawwta u fit-tieni lok ghaliex hu kien ser isiefer fit-tul fuq xoghol l-ghada filghodu. Kien ghalhekk li ddecieda li jmur ikellem lil Ghazzeddin id-dar tieghu. Qabel ma mar ikellmu, peress li kien jaf mill-esperjenza li dan kien bniedem aggressiv, ha mieghu sikkina mill-kcina ghall-eventwalita` li jigi aggredit. Illi waqt li kien sejjer bil-pass b'mod trankwill lejn ir-residenza ta` bintu sabiex ikellem llil Ghazzeddin huwa ltaqa` mar-ragel tat-tifla l-kbira tieghu li staqsieh fejn kien sejjer. Wara li l-esponent spjegalu li kien sejjer ikellem lil Ghazzeddin minhabba dak li gara waqt it-tieg, u wara li Brincat ittenta jiddiswadih milli jaghmel hekk, l-esponent offra lill-istess Brincat sabiex imur hu minfloku izda dan irrifjuta peress li ma xtaqx jidhol bejn oht il-mara u r-ragel taghha. Illi meta l-esponent wasal fuq il-post, Ghazzeddin nizel jigri u aggredieh fit-tarag tal-komun qabel ma biss l-esponent seta` jlissen kelma. Ghazzeddin sabbtu mal-hajt ripettivament u tah daqqa ta` ponn go wiccu tant li nfarag. Dak il-hin, meta kien mal-art, l-esponent hareg is-sikkina u tah daqqa. Nonostante dan Ghazzedin baqa` jsawwtu. Dak il-hin dahal Adrina Brincat, li sadanittant kellu ripensament, u zamm lil Ghazzeddin milli jkompli jsawwat lill-esponent. Ftit wara dahlet ukoll il-mara ta` Brincat li qabbdet is-sikkina minn idejn Ghazzeddin u fil-fatt

qatghet ideja. Effittivament l-espert Marisa Cassar spjegat li kienet sabet demm ta` tlett persuni differenti, dak tal-esponent, dak ta` Wesam Ghazzeddin u dak ta` mara."

It-tezi tad-difiza hija illi "is-sikkina ttiehdet sempliciment peress li l-esponent kien jaf li Ghazzeddin huwa bniedem aggressiv u dak li kien ser jinghad certament ma kienx ser jintghogob mill-istess Ghazzeddin. Jirrizulta car li kif l-esponent dahal fil-komun, Ghazzeddin nizel jigri u hebb ghalih u beda jtih. Kien biss meta l-esponent kien mal-art jaqla` go fih li hareg is-sikkina u tah daqqa sabiex jaqilghu minn fuqu."

B'referenza ghan-nota ta` sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni fejn jinghad li l-vittma ma kienx armat. Id-difiza ssostni li Ghazzeddin instab minn Adrian Brincat u Fiona Brincat b'sikkina f'idejh, tant li Fiona Brincat indarrbet biex tnehhi s-sikkina minn idejn Ghazzeddin u l-istess Ghazzeddin, fix-xhieda tieghu, jammetti li kien armat b'sikkina (vide fol. 303 tal-atti processwali).

*L-akkuza ta` tentattiv ta` omicidju volontarju – Illi ma tistax ma ssirx referenza ghall-fatt li l-esponent gie akkuzat bir-reat gravi ta` tentattiv ta` omicidju volontarju. L-Avukat Generali, bl-akbar responsabbilita` lejn il-gustizzja, wara li ha konjizzjoni tal-istruttorja, irtira din l-akkuza. Jigifieri, fi kliem iehor, l-Avukat Generali qed jikkoncedi lealment li l-agir tal-esponent sar minghajr il-hsieb li joqtol lil Wesam Ghazzeddin u minghajr il-hsieb li jpoggilu hajtu f'periklu car.*

*Offiza gravi – Artikoli 214, 216 (1) (a) (i) (ii) (c) u 217 tal-Kodici Kriminali – Illi n-natura tal-offizi sofferti minn Wesan Ghazzeddin (artikolu 216 (1) (a) (i) (ii) (c) ma humiex qed jigu kontestati bhalma ma huwiex qed jigi kontestat il-fatt li dawn l-offizi gew maghmula bi strument li jaqta` jew iniggez (artikolu 217).*

*Legittima Difiza – Illi Sir Anthony MAmo, fin-noti tieghu, jghid li sabiex tirnexxi din id-difiza, id-deni jrid ikun 'unjust', 'grave' u 'inevitable'. Certament id-deni li gie repellit mill-esponent kien ingust in kwantu Ghazzeddin ma kellux dritt mghoti mil-Ligi jaggredixxi lill-esponent.*

*Illi d-deni kien ukoll gravi. Fuq dan ir-rekwist Sir Anthony Mamo jghid hekk:*

*“The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed, would have inflicted upon the person ‘irreperable’ evil; and the law consiers as ‘irreperable’, and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual.”*

*Illi, kif gja gie spjegat, meta l-esponent wasal fir-residenza ta` Ghazzeddin, fetah il-bieb tal-komun li kien jinfetah minghajr cavetta. Ghazzeddin nizel jigri u aggredih fit-tarag qabel ma biss l-esponent seta` jlissen kelma u sabbtu mal-hajt ripettivament u tah daqqa ta` ponn go wiccu. Ghalhekk lanqas ma jista` jkun hemm dubju li d-deni kien gravi.*

*Illi t-tielet rekwizit sabiex tirnexxi din id-difiza hi li l-azzjoni tal-agent ghandha tkun inevitabbli. Sir Anthony Mamo jghid li dan ifisser li l-periklu irid ikun ‘sudden, actual and absolute’. Rigward ‘sudden’ jghid:*

*“For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it”.*

*Illi hawnhekk il-Prosekuzzjoni ghandha tkun leali mal-provi u ma taghmilx insinwazzjonijet bhalma ghamlet fin-nota taghha. Il-kaz ghandu necessarjament jitpogga fil-propja perspettiva tieghu. Kif gja nghad l-ghada tal-incident l-esponent kellu jsiefer kmieni filghodu u kien mifxul ghaliex bhal kull missier hu ma riedx li t-tifla tieghu u t-tfal taghha jibqghu jissawtu. Din il-preokkupazzjoni assummiet proporzjonijiet akbar ghaliex it-tifla tieghu kienet tqila. L-ewwel reazzjoni tieghu kienet li jistieden lit-tifla toqghod id-dar tieghu izda din irrifjutat. Kien biss wara li rrifjutat li huwa ghazel li jmur ikellem lil Ghazzeddin. Peress li dan kien aggressiv u ma fdahx, l-esponent ha sikkina mieghu. Waqt li kien fi triqtu lejn ir-residenza ta` Ghazzeddin, huwa ltaqa` mar-ragel tat-tifla l-ohra tieghu, Adrian Brincat li staqsieh x’kien sejjer jaghmel. Brincat ittenta jiddiswadih milli jmur u l-esponent staqsieh jekk kienx lest li jmur hu jkellmu l-ghada minflok.*

*Illli hawnhekk wiehed necessarjament ghandu jzomm f’mohhu li (i) l-esponent mar biex ikellem lil Ghazzeddin (vide, inter alia, okkorrenza a fol. 120 tal-atti processwali) dwar il-fatt li kien qed jimmaltratta u addirittura jsawwat lit-tifla tieghu; (ii) fi triqtu biex ikellmu, l-esponent kien kalm u trankwil (vide xiehda ta` Adrian Brincat); u (iii) tant ma marx b’xi*

*animu li jidrob lil Ghazzeddin li anke staqsa lil Brincat biex imur hu ikellmu l-ghada fil-ghodu.*

*Illi kienet ferm pertinenti d-domanda in kontro–ezami ta` l-abbli ufficjal prosekutrici lill-esponent jekk qattx Ghazzeddin kien refgha jdejh fuqu. Ir-risposta kienet fin-negattiv. Ghalhekk certament il-periklu ma giex anticipat b'certezza izda kienet mera possibilita`.*

*Illi fir-rigward tar-rekwizit ta` 'actual' u 'absolute' ftit li xejn hemm xi tghid in kwantu fil-mument li ta d-daqqa ta` sikkina kien qieghed mal-art jaqla minghand Ghazzeddin li kompla jtieh anke wara li qala` d-daqqa ta` sikkina. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta` Malta v. Martina Galea*** *(14.01.1986) kien intqal illi huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabblita`, meta l-akkuzat 'cannot escape though he would' bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat 'would not escape though he could'. Effettivament jirrizulta li meta Adrian Brincat u Fiona Brincat dahlu fil-fond tal-incident, l-esponent kien mal-art jaqla` u Ghazzeddin kellu sikkina f'idejh.*

*Illu huwa f'dan is-sens li r-rekwiziti kollha sabiex tirnexxi din id-difiza kienu prezenti fl-attakk subit mill-esponent u ghalhekk, skond id-dettami tal-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti, wara ezami approfondit u holistiku tal-evidenza, ghandha ssib li ma gie kommess minnu ebda reat ta` offiza fuq il-persuna ta` Wesam Ghazzeddin.*

*Eccess ta` Legittima Difiza – Illi minghajr pregudizzju ghall-permess dwar il-legittima difiza, jekk il-Qorti tkun tal-fehma li r-reazzjoni tal-esponent kienet sproporzjonata ghall-aggressjoni minnu subita, ghandu japplika l-proviso tal-paragrafu (d) tal-artikolu 227 tal-Kodici Kriminali (b'referenza tal-Artikolu 230 (d) in kwantu l-eccess ikun sar minhabba li l-esponent inhasad, beza` jew twerwer, tlett ipotezijiet, ghalkemm alternattivi, li certament japplikaw ghall-esponent fid-dawl tal-aggressjoni minnu subita.*

*Illi fi kwalunkwe kaz qed jigi sottomess li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ir-reazzjoni tieghu kienet proporzjonata ghall-aggressjoni subita.* Il-Qorti m'hix sejra titratta dwar dan.

*Pussess ta` arma regolari waqt l-ghemil ta` reat (artikolu 55 (a) tal-Att dwar l-Armi) – Illi dan ir-reat ma jkunx jista` jirrizulta fl-eventwalita` li l-Qorti taccetta li l-offizi gew kommessi ghaliex kienu mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima tal-esponent. Dan ghaliex f'dik l-eventwalita` l-ligi, fl-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali, tghid li ma jkunx hemm reat.*

Fir-rigward ta` din l-akkuza, il-Qorti tiddikjara l-imputat liberat (vide fol. 223).

*Gar 'il barra minn fond ta` sikkina (artikolu 6 tal-Atti dwar l-Armi) – Illi din l-imputazzjoni qed tigi ammessa.*

*Artikoli 339 (1) (d) u 339 (1) (e) tal-Kodici kriminali – Illi dawn iz-zewg kontravvenzjoni huma preskritti u kwalsiasi kumment fir-rigward ikun superfluwu. L-esponent ma giex akkuzat bihom fic-citazzjoni mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva. Dawn il-kontravvenzjonijiet issemmew l-ewwel darba fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali u gew "notifikati" lill-esponent fit-tletin (30) ta` Novembru, 2010, meta gie moqri dan ir-rinviju, u cioe` 'l fuq minn sentejn u nofs (2 ½) wara l-incident meritu ta` dawn il-proceduri.*

*Ir-Recidiva – Illi ghalkemm fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tieghu l-Avukat Generali indika, fost ohrajn, l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, l-esponent ma huwiex recidiv u fil-fatt lanqas qatt ma gie kkundannat ghal xi reat minn Qorti ta` gurisdizzjoni kriminali kif jirrizulta car mill-fedina penali tieghu li tinstab a fol. 6 tal-atti processwali.*

*Piena – Illi l-esponent u l-familja tieghu ghaddew minn tbatijiet kbar minhabba l-agir ripetut u inkonsult ta` Wesam Ghazzeddin. L-esponent, li huwa bniedem li jahdem ghal perjodi twal barra minn Malta, isiefer bil-konsapevolezza li t-tifla tieghu u t-tfal taghha ser jigu msawwta minn din il-persuna. L-esponent ghamel minn kollox, nonostante il-karattru nefast ta` Ghazzeddin biex jghin lilu u lil martu. Dan ma sewa` ghal xejn. Lejliet wahda minn dawn is-safriet l-esponent mar ikellem lil Ghazzeddin biex ikollu mohhu mistrieh li t-tifla mhux ser tibqa` tigi msawwta u inqala` dak li nqala`. L-esponent huwa bniedem li jhobb lill-familja tieghu u messitu din l-isfortuna fil-hajja. Certament ma huwiex persuna li, wara li ghadda minn dak li ghadda, haqqu jinghata piena ta` prigunerija, la sospiza u wisq anqas effettiva u jemmen li din l-Onorabbli Qorti ser taghraf tapprezza t-tragedja umana tieghu u tal-familja tieghu.*

Din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll timmultah l-ammont ta` mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu tal-ewro (€116.47) ghar-reat ammess kontemplat fl-artikolu 6 tal-Att dwar l-Armi Kapitolu 480 (artikolu 51 (7)).

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights & Democ.), LL.D.,**
**MAGISTRAT**